# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 96/8

**It-Tlieta 1 ta` Awwissu 2023**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
George Fenech – Kunsillier
Marija Micallef – Vici Sindku
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Caruana – Kunsillier

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

096.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

096.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

096.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

096.4 Post Mortem Jum il-Gudja 2023;

096.5 Attivita Tal-Milied 2023;

096.6 Attivita tal-Clean Up 2023;

096.7 SPI/SCI/2023: Fond ta` Manutenzjoni u Sostenn ta` Progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mill- Gvern Centrali;

096.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

096.9 Rapporti; Financial Quarterly Report (Jan-June 2023)

096.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Ġnien Raymond Caruana – progress
c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Gholjiet and Sqaq il-Logga in Gudja
e. Proġett tal-Pjazza – progress
f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

096.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

096.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafą ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u ghoxrin ta` filghaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 096.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien hemm ittri ta` apoloġija mill-Kunsillier S Caruana. Din it-talba ġiet aċċettata minn dawk preżenti.

**096.2** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier G Fenech ghamel referenza ghal item li ma ġiex imniżżel fil-minuti dwar diskussjoni li kien hemm fuq l-arblu ta` Vjal it-Torri. Dawk preżenti qabblu li dan l-item jiżdied ma` dawn il-minuti.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 95/08 nem con.

**096.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

096.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-ittra li ntbghatet mill-Ghaqda Muzikali Maria Assunta dwar talba biex isir laqgha mall-Kunsill biex jigu diskussi diversi items. Is-Sindku ziedet tghid li l-item dwar l-arblu mhux item li ghandu jigi diskuss mall-Kunsill. Dawk prezenti qabblu li sir din il-laqgha nhar l-Erbgha 23 ta` Awwissu 2023.

096.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet fi Triq iz-Zebbuga ser jinbdew wara l-festa ta` Santa Marija u huwa ppjanat li din titlesta sall-ahhar ta` Settembru 2023. Is-Sindku ziedet tghid li ser isir laqgha mall-ghaqdiet tal-lokal fil-11 ta` Awwissu 2023 fid-9:00am sabiex jigi konkluz id-disinn tal-pjazza. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsilliera jkunu prezenti ghal din il-laqgha.

096.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-perit ser jiehu hsieb jiprepara id-dokument ta` tender ghal gnien ta` fejn il-Palazz ta` Bettina.

096.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ser tkun qed tohrog espressjoni ta` interess ghal privat biex isir parkegg taht l-art fi Triq Hal Resqun.

096.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill qed jahdem fuq id-dokument tas-sejha tal-offerti ghax-xoghlijiet fil-latrina pubblika ta` Gnien R.Caruana u li mistenni jigi ppublikat fi zmien qasir.

096.3.6 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet minn TM fejn infurmaw lill-Kunsill li talba ghall bollards fi Triq iz-Zebbuga ma gietx milqugha.

096.3.7 Prezentata l-Mistoqsija Parlamentari Nru 10627 dwar permessi ta` caravans fil-lokalitajiet. Il-Kunsill ma qabilx li fil-lokalita tal-Gudja jinghata l-permess biex jipparkjaw il-caravans.

096.3.8 Prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Arcipriet dwar ir-rendikont relatat mall-kuncert tal-Milied tas-sena 2022. Is-Sindku proponiet li ghal attivita ta` din is-sena, il-Kunsill jitlob li jinghata kopja tal-kwotazzjonijiet u li l-Kunsill jzomm l-obbligu li jhallas l-orkestra.

096.3.9 Gie prezentat ir-rapport ta` hidma ghax-xahar tal-Lulju 2023 dwar is-servizzi kuntratwali li qed jinghataw fil-lokalita tal-Gudja.

096.3.10 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li t-talba tal-Kunsill sabiex jigu nstallati zewg cctv mall-faccata tal-Knisja tal-Lunzjata ma gietx milqugha mill-Arcipriet.

096.3.11 Giet prezentata korrispondenza li ntbaghtet minn IM dwar il-progett tal-Barrani. Il-Kunsill gie nfurmat li ser jigu mnehdda xoghlijiet imminenti u li jigu mplimentati wkoll xi bidliet fiz-zona tal-Barrani.

096.3.12 Giet prezentata korrispondenza dwar il-Laqgha Generali Annwali li ser issir nhar l-Erbgha 13 ta` Settemru 2023 fis-6.30pm.

096.3.13 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jwaqqaf is-servizz tal-open skip ghal fatt li servizz ma kienx qed jinghata kif xtaq il-Kunsill u minflok ser ikun qed izid zewg darbiet ohra fix-xahar is-servizz tal-bulky refuse.

096.3.14 Prezentata kwotazzjoni ghal zbir ta` sigar fi Triq San Mark, liema xoghol ser ikun jikkonsisti fi zbir ta` sigar. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

096.3.15 Prezentata korrispondenza Cirk AKL 2023/070 – European Mobility Week 2023.

096.3.16 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien hemm talba sabiex isir communal disabled parking fi Triq Bir Miftuh fl-area ta` fejn il-Qalb ta` Gesu.

096.3.17 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ghal konferenza tal-progett SPACE – Solidarity Promoted Activities and Collaboration in Europe li ser isir gewwa Gesztely, Ungerija bejn it-3 u s-7 ta` Awwissu ser ikunu qed jattendu s-Sindku u s-Segregtarju Ezekuttiv.

**096.4 Post Mortem Jum il-Gudja 2023;**

Il-Kunsilliera A Amri Brincat ghamlet referenza ghall-grupp Kantera fejn qalet li kien grupp muzikali tajjeb hafna imma sfortunament ma gewx apprezzati minn dawk prezenti. Is-Sindku proponiet sabiex l-istalls jinfethu wara li tispicca serata ta` Jum il-Gudja u dan ghal fatt li nies jkunu wisq mifruxa u ma jingabrux ghall-attivita li jtella` l-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Waqt il-laqgha gie diskuss ukoll li fis-serata tal-Gimgha u tal-Hadd ma kienx hemm spettaklu imma tombla biss. Is-Sindku ziedet tghid li l-Arcipriet ipropona li l-quddiesa isir biss fil-Knisja Arcipretali.

**096.5 Attivita tal-Milied 2023;**

Is-Sindku proponiet li l-attivita tal-Milied ghal din is-sena ssir fi Triq San Mark, fejn isir l-attivita ta` Jum il-Gudja minhabba l-progett tal-pjazza. Is-Sindku ziedet tghid li jintuza wkoll parti mill-Gnien R.Caruana. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**096.6 Attivita tal-CleanUp 2023;**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ibenifika mill-iskema tal-CleanUp Day. Is-Sindku ssugerriet li din l-attivita ssir nhar is-Sibt 16 ta` Settembru fis-7.30am. Il-meeting point ser ikun fejn l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**096.7 SPI/SCI/2023: Fond ta` Manutenzjoni u Sostenn ta` Progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mill- Gvern Centrali;**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Skema ta` Fond ta` Manutenzjoni u Sostenn ta` Progetti magguri gew imwettqa mill-Gvern Centrali fejn prezentat kopja tal-applikazzjoni li giet mhejjieha sabiex Kunsill japplika biex jigu nstallati fanali godda fi Triq Raymond Caruana, liema triq saret mill-gdid minn IM. Is-Sindku ziedet tghid li l-fanali ser ikunu ornamantali u LED. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu japplika ghal dawn il-fondi. Il-Kunsillier G Fenech issekonda. Il-Kunsill approva unanimament.

**096.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Ma kienx hemm.

**096.9 Rapporti - Financial Quarterly Report (Jan-June 2023);**

Dan l-item ma ġiex diskuss.

**096.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**
e. **Proġett tal-Pjazza – progress**
f. **Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**096.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 52/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillera A Amri Brincat ssekondata mill-Kunsillier G Fenech għall-ammont totali ta' €16,157 .19 u ġiet approvata nem con.

**096.12** Tmiem tal-Laqgha

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha u nofs ta` filghaxija (7:30 pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tnejn 4 ta` Settembru 2023 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum l-Erbgħa 6 tà Settembru 2023

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv